MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 266/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Ciocan Marius Emil**

**Voica Alin-Aurel**

**Popa Marcel**

**Ciocan Alin-Dan**

**Illum 2 ta' Marzu 2012**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ciocan Marius Emil** ta' 21 sena, iben Petrica u Nicolita, imwieled ir-Rumania nhar it-23 ta' Jannar 1991, detentur tal-karta tal-identita numru 52531(A) u residenti gewwa 18, Melita, Triq il-Bramel, Swieqi;

**Voica Alin-Aurel** ta' 27 sena, iben Florea u Tatiana, imwieled ir-Rumania nhar is-6 ta' Marzu 1985, u residenti gewwa 18, Melita, Triq il-Bramel, Swieqi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 67444(A);

**Popa Marcel** ta' 35 sena, iben Marin u Olimpia, imwieled ir-Rumania nhar is-6 ta' Novembru 1976, u residenti gewwa Flat 6, Triq il-Flotta, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita Rumena numru RT 140782;

**Ciocan Alin-Dan** ta' 24 sena, iben Petrica u Nicolita, imwieled ir-Rumania nhar it-18 ta' Gunju 1987, u residenti gewwa Flat 6, Triq il-Flotta, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita Rumena numru OT 312421; **u nakkuza lil Ciocan Marius Emil, Popa Marcel u lil Ciocan Alin-Dan talli;**

1 F’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar jiem u jew gimghat b’diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda;

1 Talli nhar it-23 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u jew gimghat ta' qabel, matul il-lejl, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-fond bl-isem Margerite li jinsab 49, Triq il-Qasam, Swieqi, kkomettew serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Neville Cesareo u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' Art 261 (a) (b) (c) (f), 262(1)(b) 263 (a) (b), 264 (1), 267, 269 (g) (d), 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq il-vetrina tal-hanut Margerite li jinsab 49, Triq il-Qasam, Swieqi ghad-detriment ta' Neville Cesareo liema hsara tiskorri mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47 euro), imma inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.96 euro) u dan bi ksur ta' Art 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3 Kif ukoll talli nhar it-23 ta' Frar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-lejl, f' dawn il-Gzejjer u cioe' minn gewwa l-fond bl-isem Main Point li jinsab Triq ix-Xatt, Sliema kkomettew serq ta' diversi hwejjeg u oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-Mezz, bil-hin kif ukoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Paul Ellul u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' Art 261 (a) (b) (c) (f), 262 (1) (b), 263 (a) (b), 264 (1), 267, 269 (g) (d), 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli, jew immobbli u cioe' fuq il-vetrina tal-hanut Main Point li jinsab Triq ix-Xatt, Sliema ghad detriment ta' Paul Ellul liema hsara tiskorri mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47 euro), imma anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1164.69 euro) u dan bi ksur ta' Art 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhom komplici fir-reati hawn fuq imsemmijin, billi xjentement ghenu jew assistew, lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti, jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta' armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati, u dan bi ksur ta' Art 42 (c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9;

U finalment nakkuzhom kollha f' daqqa;

1. Talli fl-istess zmien laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indahhlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' Art 334 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Ciocan Alin-Dan wahdu nakkuzah ukoll talli:-

1 B' hekk renda ruhu recidiv b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar l-14 ta' Frar

2008, liema sentenza saret defenittiva w ma tistax tigi mibdula u dan bi ksur ta' Art 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Ciocan Marius Emil Ryan wahdu nakkuzah ukoll talli:-

2. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dana bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzati **Voica Alin-Aurel u ta' Popa Marcel;**

Il-Qorti rat illi **Ciocan Marius Emil u Ciocan Alin-Dan** ma' ammettewx l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u ghalhekk, fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat illi l-proceduri kontra **Ciocan Marius Emil u Ciocan Alin-Dan** jinstemghu quddiem Qorti ohra filwaqt illi l-proceduri kontra V**oica Alin-Aurel u Popa Marcel** jitkomplew u jigu decizi minn din il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Voica Alin-Aurel u Popa Marcel;**

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena;

Rat l-Artikoli tal-ligi indikati fl-istess akkuzi ossia l-Artikoli 261 (a) (b) (c) (f), 262 (1) (b), 263 (a) (b), 264 (1), 267, 269 (g) (d), 270, 325 (b), 334 (a) u 42 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikoli 28 (a) u 28 (h) tal-Kap 9;

Il-Qorti qeghda fuq ammissjoni ssib lill-imputati **Voica Alin-Aurel u Popa Marcel** hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom u bis-sahha ta' l-Artikolu 28 (a) tal-Kap 9 tikkundanhom piena ta' habs ghall-zmien sena (1) sospizi ghall-erbgha (4) snin;

Il-Qorti qeghda wkoll b'effett ta' l-Artikolu 28 (h) tal-Kap 9 tordna lill-istess imputati biex fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) xhur millum ihallsu ghall-hsarat kollha u l-oggetti kollha misruqa gewwa l-fond Margerite 49, Triq il-Qasam, Swieqi kif ukoll gewwa l-fond Main Point, Triq ix-Xatt, Sliema liema hsarat u danni ghandu jigi lilhom ikkomunikat mill-Kummissarju tal-Pulizija sa mhux aktar tard minn gimghatejn millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------